**Minuti tal-Laqgħa nru 37 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2010 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.10 | 10.00 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.15 | 10.00 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 715 | 10.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.25 | 10.00 |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.50 | 10.00 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 | 10.00 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.20 | 10.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.15 | 10.00 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skuzat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | Msiefra |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.01 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 35 u Nru 36**

Ġew approvati il-minuti tal-laqgħa nru. 35 b'dawn il korrezzjonijiet:

Is sur Joe Demartino ipprotesta li fil-minuti tal-laqgħa nru.35 f'item 1.06 hemm li saru korrezzjonijiet għal-item 2.04 tal-Minuti tal-laqgħa nru 33 fis sens illi gew maqtugħa kliem li huwa kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jitniżżlu fil-minuti u li fil fatt hekk kien għamel. Is-Sur Demartino oġġezzjoni bil qawwa kollha lu qal i dan setax jsir meta dawn il-kliem intqalu. Huwa qal li l-korrezzjonijiet tal-minuti jsiru biss sabiex jiġu ikkoreġuti xi ineżattezzi fil-kitba tal-minuti u mhux biex jitħalla barra kliem jew sentenzi li wieħed ma jixtieqx li jidhru fil minuti. Il-munuti għandhom jkunu mera ta' dak li fil fatt sar u ntqal fil-laqgħa, aktar u aktar meta kunsillier jitlob espressament li dak li kien qed jintqal jitnizzel fil-minuti. Sar battibek bejn il-Kunsillier Mario Sammut u Joe Demartino fejn fost oħrajn Mario Sammut semma affarijiet li ġraw u li kienu jiġru fil-passat meta Joe Demartino kien Sindku. Is-sur Joe Demartino insista li l-kliem minn "u saħansitra" sa "fil-minuti" kif kienu fit-test originali jerġgħu jitniżżlu.

Is-Sindku oġġezzjona li dan isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-fatt il-korrezzjonijiet kienu ġew approvati mill-membri kollha preżenti u għalhekk ma setgħux jerġgħu issiru korrezzjonijiet ghall minuti tal-laqgha nru 33 izda huwa kien fid –dover li jniżżel dan li qed jintqal minn Joe Demartino f'din il-laqgħa tal-lum (nru 37) bħala parti mill minuti tal-laqgħa tal-lum.

Is-Sindku talab li jitniżżel ukoll li dan l'għemil ta' Joe Demartino "huwa xempju".

**1.01 Il minuti tal-laqgħa nru: 35 għaddew bla ebda korrezzjoni fil-waqt li l-minuti tal-laqgħa nru: 36 tħallew għall-darba oħra.**

## 2.0 Tagħrif mill-Minuti

2.01 Ma kienx hemm tagħrif mill-Minuti.

2.02 Is-Sindku qal li dan l'aħħar intqal ħafna kliem fuq il-media kontrih u qal li huwa kien lest jieħu l-passi meħtieġ.

## 3.0 Korrispondenza

3.01/02 Tressqet itttra (e-mail) dwar l-istat tat-Triq Difiza Ċivili mingħand Rita Cassar, u oħra minn Noel Mizzi sabiex isir resurfacing tat-toroq f'tad-Dib area. Intqal li dan ma kienx possibli bil-finanzi li għandu l-Kunsill.

3.03 Ittra mingħand Tereza Bonnici l'armla ta' Joe Bonnici li titlob li tingħata l-bilanċ ta LM786.45 (din il-figura rriżulta mill kotba tal-Kunsill) li kienu dovuti lill-Bonear Ltd. Intqal li dawn il flus kienu suġġetti għal xi sekwestru u s-Seg. Eżek. Intalab jivverifika kemm il bilanċ mal-accountant tal-Kunsull (Romina) u anke dwar is-sekwestru f'liema każ is-Sinjura Bonnici tiġi mitluba tippreżenta il-kontro mandat sabiex tkun tista tingħata dawn il-flus.

3.04 Ittra (e-mail) mingħand is-sur Woodall Graham dwar organizzar ta proġett tal-arti għal kommunita. Ġie deċiż li s-Sindku jagħmel meeting mas sur Graham.

3.05 Applikazzjoni tal-Mepa no:05939/09 minn Stanley Mangion biex jagħmel monument għall-xogħol volontarju fi Triq Burmarrad. Is-Sur Mangion jintalab abbozz tal-monument u pjanti tal-post sabiex tkun tista tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill dwar dan.

3.06 Dwar Ittra PA02888/08 mill Mepa dwar il-monument u modifikazjoni tas-central strip fi pjazza Rotunda intqal li ma hemm bżonn tittieħed l'ebda azzjoni u li l-kunsillier Chris Grech kien qed jieħu ħsieb ta' dan.

3.07 E-mail dwar proposta ta funtana minflok l'iljun tal-pjazza mis-sur J. Galea għanda tiġi injorata.

3.08 Talba mill Mosta Scouts Group sabiex isir tindif u jinżlu bil-ħbula mal-pont għall ġol wied ġiet aċċettata b'kundizzjoni li dawn jġibu l-permessi meħtieġa mill Pulizija.

3.09 Is-Segretarju qara ittra tal-Perit Charles Buhagiar li fiha qal li huwa ġustifikat li jagħmel xogħol konness ma toroq għaliex dan jaqa taħt it-tender li huwa kellu mal-Kunsill tal-Mosta u ikkwota klawsola nru: 1.04(v) tad-dokument tat-tender sabiex jipprova dan.

Il-Kunsillier Joe Demartino qal li x-xogħol li kien qed jingħata il-Perit Buhagiar ma kienx jaqa taħt it-tender imsemmi għaliex dan dejjem kien u hu intenzjonat għaċ-ċertifikar tax-xogħol ta' patching fit toroq li jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill li għandu l-kuntratt tal-patching tat-toroq. Is-Sindku qal li ma jaqbilx ma din l'interpretazzoni. Saret diskussjoni minn diversi kunsilliera u ġie deċiż li l-Kunsill jibqa jinqeda bis-servizzi tal-Perit Buhagiar fuq dan ix-xogħol. Intqal ukoll li t-tender għas-servizz ta' perit issa inħareġ u wasal biex jagħlaq iż-żmien biex nirċievu dawn it-tenders minn periti interessati.

3.10 Dwar quotations li l-Kunsill irċieva għall preparazzjoni ta' pjan ta' enerġija sostenibli għall lokalita tal-Mosta, is-segretarju intalab jgħaddi l-materjal lill Perit

Alfred Grech għall-evalwazzjoni tiegħu u wara jitlaqqa il-kumitat għall-aġġjudikazjoni ta' dawn il-quotations.

3.11 Dwar talba ta' Anna Grech għall hlas ta' Euro 15 is-siegħa għax xogħol li s-Sinjura Grech tagħmel fil-Youth Empowerment Centre, ġie deċiż li s-Sindku jagħmel laqgħa sabiex tiġi diskussa din it-talba u s-somma totali li l-Kunsill kien lest li joħroġ kull sena fuq dan il-program.

3.12 Il-Kunsillier Chris Grech ġie mitlub jinvestiga Mepa Application No. 02343/09 dwar talba minn Ray. Zammit għall bini ta, " *horse sports/leisure complex for horses and proposed holiday apartments*" fl'inħawi Il-Ħotba f'taż-Żokrija, l-Mosta u jirraporta lura lill Kunsill.

3.13 Dwar talba mill-Enemalta sabiex issir bankina u zebra crossings fi Triq Durumblat , ġie deċiż li jintalab li l-bankina issir min quddiem il-bini tal-Enemalta sar-roundabout ta' H'Attard, jsiru sinjali u dwal adekwati maz-zebra crossings, u li s-setting tal-bankina jiġi approvat mill kunsill.

## 4.0 Materji Finanzjarji

### a) Business Plan (3 snin)

Il-Business Plan ġie approvat kif ippreżentat u dan għandu jgħaddi għall-approvazzjoni tal-pubbliku fil-Laqgħa Publika li għanda issir nhar il-Ħamis 25 ta'Frar 2010 fis 7.30p.m.

### b) Budget 2010 – Memo 13/2010

Ġie ippreżentat il-budget għas-sena 1/1/10 – 31/12/10.

Is-Sindku indika li kien ser isir tnaqqis ta spejjes billi :

a) Ma jitħallewx isiru telefonati bil-mobajl tal-kunsill mill kunsilliera u l'assistenti tagħhom. Dawn issa għandhom allowance mid-dipartiment sabiex jkopru dawn l'ispejjes.

b) Ġiet ivvotata somma ta' madwar Euro 5,000 biss għall-patching sabiex din is-sena jkunu jistgħu jsiru xi kisi ta' toroq mill-ġdid bit-tarmac.

c) Jitnaqqsu l-ispejjes tal-fire-engines tal-festa ta'Santa Marija li soltu jitħallsu mill-Kunsill.

Ma sarx qbil fuq din l'aħħar miżura u s-Segretarju Eżekuttiv intalab jara li dawn li spejjes tal-fire-engines għall-festa jerggħu jiddaħħlu fil-budget u jibqgħu jitħallsu mill kunsill kif dejjem sar. Ġie approvat li l-Budget jiġi ippreżentat fil-Laqgħa Publika kif titlob il-Liġi.

### c) Accounts 31/12/2009

Ġew approvati l'accounts tal Kunsill kif preżentati. Dawn ukoll għandhom jiġu ippreżentati fil-Laqgħa Publika.

## 5.0 Laqgħa Annwali tal-Lokalita

Ġie deċiz li l-Laqgħa Pubblika Annwali issir nhar il- Ħamis 25 ta' Frar, 2010 .

## 6.0 Sekwestru

6.01 Is- Sindku informa li tal-General Co.Ltd kien ippreżenta sekwestru il-Qorti kontra il-Kunsill Lokali tal-Mosta għas-somma ta' madwar Euro 230,000 li huwa qed jikkontendi li għandu jieħu mingħand il-Kunsill fuq xogħol li huwa għamel lill Kunsill fil-Pjazza Rotunda.

6.02 Is-Sindku qal li il-Kunsill kien ħatar żewg esperti tal Qorti (l'avukat John Bonello u l-perit Mario Cassar) sabiex jistudjaw il każ u jagħmlu rapport lill Kunsill. Kien veru li il-Perit Maurice Galea kien ipprezenta rapport bi tliet scenarios (il-pożizzjoni tal-General Co. Ltd., dik tal-Kunsill, u triq tan-nofs) iżda dan ma kienx aċċettabli għaliex huwa kien irid ikun jaf eżatt x'inhi il-pożizjoni, ix-xogħol li sar ħażin u x'multi għandhom jitnaqqsu mill kont. Barra minhekk fil-kotba tal-Kunsill ma kienx għadu jidher kemm għandu jieħu dan il-kuntrattur u min fejn kienu ġejjin dawn il-flus kollha. Huwa qal li huwa kien wiret din is-sitwazzjoni mil-Kunsill ta' qablu u għalhekk kien is-Sindku ta' qablu li kellu jirrispondi x'ġara u minfejn ser jitħallas dan il-Kuntrattur.

6.03 Is-Sur Joe Demartino qal li huwa dejjem sostna li l-kumplament tal-flus kienu ġejjin mill-fondi tal-UIF tal Mepa, imma dawn kienu ntużaw mod ieħor mis-Sindku preżenti u għalhekk issa sta għas-Sindku preżenti li jgħid min fejn kien ser jitħallas dan il-kuntrattur. Huwa qal li huwa kien jaċċetta li s-Sindku kellu dritt jbiddel id-deċżzjoni ta' kif jintużaw il-fondi tal-UIF tal-Mepa. Fill-fatt dawn intużaw għall-pavimentar ta' toroq oħra, u sewwa għamel, izda issa kien dan is-Sindku li għandu jara minn fejn ser iġib il-flus. Huwa qal li l'accountant tal-Kunsill, Romina Perici Ferrante, kienet taf b'dan kollu u wieħed jista jistaqsi lilha. Barra minn hekk l-kuntrattur jidher li nefaħ is-somma dovuta sew. Wieħed ried jara wkoll x'penali kienu dovuti minħabba d-dewmien fit-tlestija tal-proġett.

6.04 Is-Sindku qal li l-Mepa kienu qalu li l-Kunsill lanqas biss kien applika għall-fondi tal-UIF tal-Mepa u kien biss f'Mejju ta' 2007 li l'ex-Segretarju Ezekuttiv, Alphonse Anastasi, kien bagħat ittra ta' applikazjoni b'data falza ta' xhur qabel u din ma ġietx aċċettata mill-Mepa. L-informazzjoni li kellu kienet li l-fondi tal-UIF tal-Mepa kienu ser jintużaw biss għall-Ġnien Reggie Cilia. Barra dan il-Perit Etienne Magro qatt ma wera ritratti ta' x'hemm taħt wiċċ il-pjazza għaliex kien jibża mill-arroganza tal-kuntrattur.

6.05 Is-Sur Demartino qal li ritratti kien hemm kemm trid għand l'administration.

6.06 Is-Sindku kompla jgħid li l-kuntrattur kien gie mwaqqaf mill ex-Sindku Joe Demartino. Kien hemm differenzi fil-qisien u prezziiet ta' spralli li tpoġġew. Issa, ir-rapport taż-żewġ esperti tal-qorti mqabbda mill-avukat Joe Mifsud qatt ma gie ippreżentat minkejja l'ħafna reminders li kien jibgħat is-Segretarju Eżekuttiv. Dan ir-rapport kien għadu sal gurnata tal lum ma wasalx. Kienet l'opinjoni tiegħu li dan ma sarx għaliex tant kienet nstabet korruzjoni f'dan il-proġett li dawn kellhom jew jikxfu kollox jew jagħmluha ta' paraventu biex xi ħadd ikun jista jakkwista il-flus.

6.07 Dr. Shirley Farrugia qalet li hi qatt ma ġiet informata bis-Sekwestru u kellha tisma bih minn fuq il-media. Hija qalet li għandna nerġgħu nitolbu dan ir-rapport mingħand l'esperti.

6.08 Is-Sindku sostna li kien hemm xoghol ħażin u għalhekk ma sarx ir-rapport.

6.09 Is-Sur Joe Demartino qal li kienu qed jgħadduh biż-żmien (lis-Sindku preżenti). Huwa staqsa issa x'ser naghmu?

6.10 Is-Sindku wieġeb li l'avukat tal-Kunsill kien qed jipprepara talba lill-Qorti għar-revoka tas- sekwestru.

6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega s-sitwazzjoni diffiċli li kien jinsab fiha l-Kunsill minħabba f'dan is -sekwestru . Huwa qal li l-kontijiet kollha mal banek kienu imblokkati u għalhekk talab l-fiduċja tal-Kunsilliera kollha sabiex huwa jkun jista jmexxi kif jista u jara li pagamenti ta' salarji u pagamenti urgenti oħra, fosthom spejjes tal-Qorti jkunu jistgħu jithallsu mil-Cash li jiġġenera l-kunsill ta' kuljum. Huwa qal li ma kienx prudenti li jidħol f'dettalji dwar dan izda assigura li kull ma kien ser jagħmel kellu l'approvazjoni tas-Sindku u tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli. Dan sakemm is-sitwazjoni terġa tiġi għan-normal wara t-tneħħija tas-sekwestru. Huwa kien fiducjuż għaliex ma kienx normali li Kunsill bħala entita governattiva jsirila sekwestru u dan jiġi aċċettat mil-Qorti.

6.12 Ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-fiduċja li talab biex ikun jistgħa jmexxi kif jaħseb kien l'aħjar taħt iċ-ċirkustanza imbasta jżomm lid-Dipartiment infurmat b'kollox.

**7.0 Northern Cleaning**

Dwar it- talba għall-żjieda ta' għaxra fil-mija għall-ġbir ta' skart domestiku, ġie deċiż li wara li sar meeting ma Northern Cleaning u wara li dawn spjegaw iż-żjiediet sostanzjali fl-ispejjes biex huma jkunu jistgħu joperaw dan is-servizz, il-Kunsilliera qablu unanimament li tiġi offruta żjieda ta' 7%. Sa dan it-tant il-perit Alfred Grech kien qed jipprepara dokumenti għall-publikazzjoni ta' tender ġdid għall dan is-servizz.

**8.0 Ftehim mas-Sinjura Grech dwar il-Youth Empowerment Centre**

8.01 Dan l'item ġie trattat taħt Korrispondenza item 3.11 aktar il-fuq.

**9.0 Materji Oħra**

9.01 Il-Kunsillier Paul Agius informa li l-preżentazzjoni tat Trophies għall-wirja tal-ghasafar kienet ser issir nhar is-Sibt 27 ta' Frar, 2010 fil-għaxija. Huwa stieden lill-kunsilliera kollha biex jattendu.

9.02 Il-Kunsillier Chris Grech informa li l-provista tal-elettriku fil-Grawnd tal-Lghajba kienet giet sospiza mill- Enemalta minhabba kontijiet pendenti li issa kienu jammontaw għall-Euro 9,296.

Huwa qal li kien ser jkellem lill Onorevoli Chris Said sabiex tkun tista titħallas is-somma ta' Euro 5,000 mill Kunsill kif kien ġie miftiehem u li iżda il-kunsill kien ġie mwaqqaf mid-Dipartiment li jagħmel. Dan kien żgur li kien ġara minħabba nuqqas ta' ftehim (misunderstanding).

9.03 Dwar irranġar ta' toroq, il-Kunsillier Grech qal illi kien gie stmat li hemm bżonn Euro1,200,000.—sabiex isir il-kisi bit-tarmac kif meħtieġ. Il-Budget kien jipprovdi biss Euro 140,000.—u għallhekk kien gie deċiż li din is-sena jsiru biss Triq l'Antinni u Triq il-Wied bi spiża ta' Euro 118,000.—u Euro 39,000.—rispettivament.

9.04 Ġie deciż li peress li kienu vvutati biss Euro 5,000 għall-patching tat-toroq, dan jibda jsir mill Handymen tal-Kunsill kif jistgħu.

9.05 Ġie deċiż li issir talba għall-quotations ta tabelli u sinjali bżonnjużi sabiex tiġi mnedija is-sistema ta' timed parking kif approvata mill ADT.

9.06 Għandu jintbgħat reminder għall-permess tal-wirjiet tal-artiġjanat nhar ta' Ħadd u lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex jinħarġu l-permessi mitluba.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana<br>Sindku | John J. Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |

Emendi ghall-minuti tal-laqa Nru 37. 11 ta' Frar 2010.

1.01: Para3 Is-sindku oggezzjona li dan isir **peress li dak il-kliem ma kienx relatat mas-suggett diskuss u li l-minuti kienu diga gew approvati fil-laqgha precedenti u allura dawn ma setghux statutorjament jerghu jigu diskussi**

4.0: b) Gie ipprezentat il-budget ghas-sena 1/1/10-31/12/10. **u nghatat kopja lill kull kunsillier .**

Tinbidel l ahhar sentenza u tigi taqra hekk:

**Is-sindku ppropona li ser jaghti gimgha cans sabiex kull kunsillier jista' jressaq xi proposti. F'kaz li ma jkunx hemm rispons il-Budget jigi kkunsidrat li huwa approvat u jigi pprezentat fil-laqgha Pubblika kif titlob il-ligi.**

In-numri minn 6.01 sa 6.12 jitnehhew